# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 2**

**Avviz numru 395/97mm**

**Martin Camilleri**

**Vs**

**Marco Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-28 ta' Frar, 1997, fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti danni kkawzati fil-fond Flat 17, Sea Haven Apartments, Triq is-Simares, Xemxija, proprjeta' tal-attur, ghal liema hsara l-konvenut unikament responsabbli minhabba negligenza da parti tieghu peress illi halla *pipe* tal-ilma fil-fond Flat 20, Sea Haven Apartments, Triq is-Simares, Xemxija, proprjeta' tal-konvenut, inixxi l-ilma ghal perjodu twil.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-konvenut mhux responsabbli ghall-hsarat u d-danni allegati fl-att tal-avviz.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond 17, Sea Haven Apartments, Triq is-Simares, Xemxija, u il-konvenut huwa proprejtarju tal-fond sovrastanti bin-numru 20.  Bejn is-16 u it-23 ta’ Novembru, 1995, l-attur kien imsiefer, izda meta gie lura gie nfurmat minn John Bonnici, l-proprejtarju tal-fond numru 18 li jigi dak magenb il-fond ta’ l-attur, illi kien dahal hafna ilma fil-fond tieghu wara li dana skula mill-fond tal-konvenut.

L-attur tkellem mall-konvenut fejn infurmah illi kien infaqa’ pajp taht il-madum.  L-attur kien cert illi qabel ma’ siefer ma kien hemm l-ebda hsarat fil-fond tieghu.  Bejn wiehed u iehor it-tiswijiet gew jiswew madwar elf lira Maltin (Lm1,000).  L-attur gab in sosten ta’ dan lil

Gino Camilleri, bajjad, fejn ghamillu stima ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltin (Lm295) u lil Raymond Catania mill-Caranja Woodworks illi ghamel stima tal-hsarat subiti fl-ghamara fl-ammont ta' tmien mija u hames liri Maltin (Lm805).

Xehdu wkoll John Bonnici a Fol. 50 illi qal illi l-kawza ta' l-ilma kien pajp illi nfaqa' taht il-madum u li saru t-tiswijiet u xehed ukoll il-konvenut fejn qal illi huwa qatt ma kellu problemi simili u kien ghadu kif kien fil-fond gurnata qabel u ma kien hemm l-ebda sinjal illi kien ser jigri xi haga. Di piu', meta xtara l-flat dana kien ilu biss sentejn mibni u irrizulta li kien infaqa' pajp b'mod goff minn taht il-madum. Ghamel it-tiswijiet necessarji billi ghadda pajp gdid minfuq il-madum biex jizola dak illi kien hemm taht il-madum, halli ncident bhal dan ma jergax jigri.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn il-provi rrizulta car illi l-hsara li giet ikkawzata fil-fond ta' l-attur hija naxxenti minn skular ta' ilma mill-fond tal-konvenut. Ma hemmx dubbju illi l-attur grawlu hsarat fl-ammonti illi huwa ndika. Pero' biex il-konvenut ikun responsabbli ghal dawn il-hsarat, irid jigi ppruvat illi kien hemm traskuragni jew negligenza da parti tieghu.

Mill-provi rrizulta biss, illi l-ilma gie kkawzat minn pajp illi nfaqa' taht il-madum. Ovvjament taht dawn ic-cirkostanzi difficli biex tinduna minn qabel x'ser jigri u meta *flat* tixtrih lest, bil-pajpijiet ghaddejjin diga, ma tistax tikkontrolla dak illi jkun sar. Ma kien hemm l-ebda ndikazzjoni ghall-konvenut illi kien hemm xi hsarat fil-pajpijiet u

ghalhekk, bir-ragun ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel xi riparazzjonijiet tempestivi halli jigi evitat dak illi gara.

Filwaqt illi biex l-attur ikollu success fl-istanza tieghu jrid jipprova tort tal-konvenut, min-naha l-ohra l-konvenut m'ghandu ghalfejn jipprova xejn.  Pero' jekk huwa jista' jghin lill-Qorti bi prova li turi illi huwa ma kellux tort, allura hawnhekk ikun qieghed jghin u jissostanza l-eccezzjoni tieghu.

Fil-kawza fl-ismijiet Dr. H. Lenniker vs J. Camilleri deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju, 1972, il-Qorti qalet, "…f'kawza civili li l-attur jallega illi gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort.  Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhuwiex obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta' l-attur)."

Dan ifisser li element necessarju fil-kamp tal-provi huwa illi min jallega jrid jipprova.  Fil-kamp civili, l-Qorti trid fuq bazi ta' provi prodotti quddiemha, tkun naturalment sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru tal-prova tieghu.  Jekk ma jasalx ghal dan il-grad ta' prova bazat fuq preponderanza tal-probabbilitajiet, l-unika konkluzjoni li tista' tasal ghaliha l-Qorti hija li l-attur naqas li jipprova t-talba tieghu b'mod sodisfacenti u konvincenti.  U ghalhekk fuq l-iskorta tal-principju "Actors non probante, reus absolvitur" din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tichad it-talba ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejejz kontra tieghu.

Anthony Zammit
Deputat Registratur